# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Frar, 2000 .**

**Citazzjoni numru : 80/1999 G1 (PC)**

**Gregory Gambin,**
**Joseph u Evangelista konjugi Attard .**

**Vs**

**Stephen u Maria Antonia sive Tania, konjugi Mamo .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma l-possessuri u l-attwali detenturi tal-lok tad-djar bin-numri mija u hamsa u tletin, mija u sitta u tletin u mija u sebgha u tletin (135, 136 u 137) Triq it-Torri, Kercem, Ghawdex, li tieghu l-atturi huma wkoll kompropretarji ;**

**Illi ricentament u precizament s-Sibt erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 1999, l-istess konvenuti qabdu u sgassaw il-bibien tal-lok tad-djar hawn fuq imsemmi u klandestinament u kontra l-volonta' espressa tal-istess atturi ppossessaw rwiehhom minnu u poggew zwiemel go fih u diversi oggetti ohra bhal karettun u ghalf taz-ziemel u in oltre dana anki poggew ghassa mal-bibien tal-istess fond kelb feroci sabiex hadd ma jazzarda jidhol hemmhekk ;**

**Illi dana l-agir tal-istess konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-danni tal-atturi .**

**Jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;**

**Tiddikjara illi huma kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi meta huma, klandestinament, minghajr il-kunsens u**

**kontra l-volonta' tal-atturi qabdu u sgassaw l-bibien tal-lok tad-djar bin-numri mija u hamsa u tletin, mija u sitta u tletin u mija u sebgha u tletin (135, 136 u 137), Triq it-Torri, Kercem, Ghawdex u ppossesaw rwiehhom mill-istess lok tad-djar u poggew l-annimali u l-oggetti kollha hawn fuq imsemmija ;**

**Tikkundannahom, ghalhekk, sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess billi jizgumbraw mill-istess fond, jirrilaxxjawh f'idejn l-atturi u jpoggu kollox fl-istat prestinu tieghu ;**

**Fin-nuqqas, tawtorizza lill-atturi sabiex jiehdu dawk il-passi kollha necessarji u jaghmlu x-xoghlijiet kollha li jkun hemm bzonn sabiex jerga' jiehdu f'idejhom il-pussess u detenzjoni tal-istess lok tad-djar hawn fuq imsemmi, inkluz li jnehhu minn go fih l-annimali u l-oggetti kollha hemm pogguti u b'hekk ipoggu kollox fl-istat prestinu tieghu u dana a spejjez tal-istess konvenuti, u okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit tekniku li jigi nominat ghal istess fini ;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April, 1999 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka . B'riserva ghal tal-azzjoni ghad-danni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi skond il-ligi debitament ikkonfermata bil-gurament tal-attrici minn Evangelista Attard .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Mamo, li permezz taghha eccepew :**

**Illi fl-ewwel lok l-konvenuta Maria Antonia Mamo ma ghandha x'taqsam xejn f'din il-kwistjoni u ma hadet l-ebda parti f'dak li gara ghalhekk giet mharrka inutilment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi ;**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Stephen Mamo dana ma ikkommetta ebda spoll peress illi 1. Mhux veru illi l-atturi kellhom il-pussess u detenzjoni tal-fond mertu tal-kawza ; 2 . mhux veru li l-konvenut ppussessa ruhu mill-fond bi sgass, klandestinament u kontra l-volonta' tal-atturi imma dahal fil-fond minn bieb miftuh fl-istess fond wara li ottiena l-permess tal-kopretarji kollha inkluz dak tal-atturi Gregory Gambin u dahhal iz-ziemel fid-dawl tax-xemx u quddiem il-konvenuta Evangela Attard u fil-fatt wara li dahhal iz-**

**ziemel hareg u halla l-bieb miftuh biex juri li mhux qed jippossessa ruhu mill-fond ghad-dannu tas-sidien ;**

**Illi ghalhekk f'dan il-kaz hemm l-elementi kollha necessarji biex jigi kommess spoll nieqsa b'mod specjali hemm nieqes l-'animo spoliandi".**

**Illi ghalhekk d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi .**

**Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici, u dana permezz ta' nota li gietipprezentata illum stess seduta stante .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u in vista ta' din in-nota ta' ammissjoni, tiddecidi il-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, tiddikjara illi l-konvenuti ikkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi, meta huma minghajr il-kunsens u kontra l-volonta' ta' l-atturi, qabdu u sgassaw il-bibien tal-lok tad-djar bin-numri mija u hamsa u tletin, mija u sitta u tletin u mija u sebgha u tletin (135, 136 u 137) Triq it-Torri, Kercem, u ppossessaw irwiehhom mill-istess lok tad-djar u poggew l-annimali u l-oggetti kollha imsemmija fic-citazzjoni .**

**Konsegwentament tikkundannahom ghalhekk sabiex fi zmien xahrejn mil-lum jispurgaw l-istess spoll vjolenti u klandestin minnhom kommess, billi jizgumbraw mill-istess fond, jirrilaxxjawh f'idejn l-atturi, u jpoggu kollox fl-istat prestinu tieghu . Fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi sabiex jiehdu dawk il-passi kollha mehtiega u jaghmlu ix-xoghlijiet kollha li jkun hemm bzonn sabiex jergghu jiehdu f'idejhom il-pussess u detenzjoni tal-istess lok ta' djar imsemmi fic-citazzjoni, inkluz li jnehhu minn go fih l-annimali u l-oggetti kollha hemm pogguti, u b'hekk ipoggu kollox fl-istat prestinu tieghu, u dana ghall-ispejjez ta' l-istess konvenuti, u jekk ikun hemm bzonn taht id-direzzjoni ta' l-AIC Edward Xerri, li qed jigi nominat ghal dan il-fini .**

**Bl-ispejjez tal-kawza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' April, 1999, ikunu a karigu tal-istess konvenuti konjugi Mamo .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S8099Pc
(914 words)